MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 1110/2005

**Nicholas Scicluna [632739 M]; Nicholina Scicluna [576138 M]; Maryanne Pace [796044 M]; Rose Ghigo [890945 M]; Anthony Scicluna [ 1023348 M]; Vivien Debattista [337350 M]; Paul Scicluna [900151 M]; Nicholas Bonello [229359M]; Nicholina Kircop [0729646 M]; Vitorin Calleja [0720347 M]; Carmen Vella [752648 M]; Maria Lourdes Zammit [513850 M]; Maria Dolores Baldacchino [394052 M]; Maryanne Portelli [0832155 M]; Nikola Bonello [520743M] Emmanuela Grech [555345 M]; Carmen Cachia [470955 M]; Patrick Cassar [225168 M]; Colin Cassar [13879 M]**

**Vs**

**Nicholas Bonello [702350 M]; Mario Bonello [159155 M]; Victor Bonello [492453 M]; Salvu Bonello [781752M]**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi tat-18 ta'Novembru 2005 li jaqra hekk:

*"Peress illi l-kontendenti huma l-eredi ta' Marianna Bonello nee' Vassallo, mart il-mejjet Nikola Bonello, li mietet fis-7 ta' April 1969 u dan skond ma jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt markat bhala Dokument 'MB 1';*

*Peress illi l-atturi huma flimkien mal-konvenuti ko-proprjetarji tal-fondi elenkati fid-Dokument hawn anness u markat bhala Dokument 'MB 2', u huma proprjetarji sehem indiviz ta' dawn il-fondi mal-konvenuti l-ohra;*

*Peress illi l-atturi ma jridux jibqghu fi stat ta' koproprjeta flimkien mal-konvenuti l-ohra;*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:*

1. *Tordna d-divizjoni ta' l-immobbli fuq imsemmija elenkati f'Dokument 'MB 2' skond il-porzjoni li kull wiehed minnhom ghandu fil-proprjeta';*

2. *Tinnomina jekk ikun hemm bzonn, perit tekniku ghall-finijiet likwidazzjoni u thejjija ta' pjan ta' divizjoni;*

3. *F'kaz li l-proprjeta' m'hijiex komodament divizibbli tordna l-bejgh b'licitazzjoni prevja hatra ta' periti sabiex jaghmel il-valutazzjoni taghha qasma tar-rikavat bejn il-kontendenti skond is-sehem li kull wiehed ghandu fiha;*

4. *Tinnomina nutar sabiex jircievi u jippubblika l-att opportun u kuratur ghall-eventwali kontumaci.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-17 ta' Frar 2005 u tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Marzu 2005 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi tat-18 ta'Novembru 2005 (a fol. 3);

Rat il-lista tax-xhieda ndikata mill-atturi, u dokumenti esebiti mac-citazzjoni;

Rat illi l-atti tac-citazzjoni, digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-konvenuti skond il-ligi;

Rat in-nota t'eccezzjonijiet ta'Nicholas Bonello, Mario Bonello, Victor Bonello u Salvu Bonello tat-23 ta'Marzu 2006, (a fol. 128) li taqra hekk:

1. *"Illi huma qatt ma sabu l-ebda oggezzjoni sabiex issir id-divizjoni tal-immobbli mertu tal-kawza odjerna u b'hekk lanqas fil-prezent ma jopponu li ssir din id-divizjoni, b'dan illi fi kwalsiasi kaz, fl-assenjazzjoni tal-beni kif divizi ghandu jittiehed kont tad-dritt ta' inkwilinat li l-konvenuti Nicholas, Mario u Victor Bonello jgawdu fil-konfront tar-raba maghrufa bhala "Ta' Manduca" imsemmija fil-paragrafu 4. tal-lista annessa mac-citazzjoni u mmarkata DOK MB2, u li l-konvenut l-iehor Salvu Bonello jgawdi fil-konfront tar-raba maghrufa bhala "Ta' San Niklaw/Tal-Provvidenza' u "Ta' Bugima" imsemmija fil-paragraf 6. u 7. ta' l-istess lista imsemmija;*

2. *Illi d-divizjoni mitluba mill-atturi ma sehhietx unikament b'tort ta' l- atturi u dan billi huma ppretendew li l-konvenuti jirrinunzjaw ghat-titolu ta' kera li huma jgawdu fuq ir-raba fuq imsemmija bhala kundizzjoni tal-qasma;*

3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ingunti in subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-fatti tal-konvenuti Nicholas Bonello, Mario Bonello, Victor Bonello u Salvu Bonello tat-23 ta'Marzu 2006 (a fol.129);

Rad-id-digriet tas-27 ta'Marzu 2006 illi bih gie nominat il-Perit AIC Valerio Schembri (a fol. 131 et seq);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Valerio Schembri prezentat fit-2 t'April 2008 u mahluf fl-4 ta'Gunju 2008 (a fol. 144 et seq);

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tat-23 ta’Settembru 2008, Nicholas, Mario, Victor, u Salvu ahwa Bonello  (a fol. 301 et seq);

Rat in-nota tal-atturi Nicholas Scicluna et tal-5 ta’ Marzu 2009, li permezz taghha ressqu d-domandi in eskussjoni lill-espert tekniku Valerio Schembri (a fol. 311 et seq.);

Rat in-nota tal-Perit Valerio Schembri li biha rrisponda ghad-domandi in eskussjoni tal-atturi mahlufa tal-1 t’April 2009 (a fol. 333 et seq.);

Rat in-nota ta’sottomissjonijiet ta’Nicholas Scicluna et tal-11 ta’ Mejju 2010 (a fol. 340 et seq);

Rat id-decizjoni ta’ din il-Qorti kif diversament preseduta tas-26 t’Ottubru 2011 (a fol. 357 et seq) li permezz taghha rega gie nnominat lill-Perit Valerio Schembri;

Rat it-tieni relazzjoni tal-Perit Tekniku Valerio Schembri prezentat fil-24 t’Ottubru 2013 u mahluf fil-25 ta’Marzu 2013 (a fol. 392 et seq);

Rat in-nota ta’ kritika tar-rapport peritali ta’ l-intimati tal-1 t’Awwissu 2013 (a fol. 406 et seq.);

Rat in-nota ta’ kritika tar-rapport peritali ta’ l-atturi tal-21 t’Ottubru 2013 (a fol. 410 et seq.);

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Fil-kawza odjerna l-atturi talbu divizjoni tal-immobbli elenkati f’Dok. MB2 vide fol. 7 u 8 u f’kaz li tali proprjeta’ ma tkunx komodament divizibbli tallbu lil Qorti tordna il-bejgh b’ licitazzjoni.

Minn naha l-ohra l-konvenuti sostnew li qatt ma kellhom oggezzjoni ghal tali divizjoni sakemm id-dritt ta' inkwilinat tal-konvenuti Nicholas, Mario u Victor Bonello b'referenza ghar-raba maghrufa bhala "Ta' Manduca" (numru 4 f'Dok. MB2) u l-inkwilinat tal-konvenut Salvu Bonello, b'referenza ghar-raba maghrufa "Ta' San Niklaw" jew "Tal-Providenza" jew "Ta' Bugima" (numru 6 u 7 f'Dok. MB2) jigi rikonoxxut.

Illi sentenza tal-Qorti kif diversament preseduta datata 26 t'Ottubru 2011 (vide fol. 357 et seq.) il-Qorti ordnat li:

> ***"ssir id-divizjoni jew licitazzjoni wara r-rapport tal-perit li ghandu jimxi fuq il-valuri tal-proprjetajiet kif soggetti ghal-lokazzjoni/ qbiela"***
> – Vide fol. 375.

Illi l-Perit Valerio Schembri nominat fit-tieni rapport tieghu a fol. 392 et seq. hejja s-segwenti pjan ta' divizjoni.

*Dwar* ***il-fond 24, Qajjed Lane, Siggiewi***

Minn Dok 1B anness ma l-affidavit ta' Nicholas Scicluna jirrizulta illi l-capitalization tar-rental value qed tigi stmata fil-valur ta Lm 980.00 jew ahjar € 2282.81.

Illi l-Perit Schembri ma jirrizultalux mill-provi kif dan il-kumpens ser jingabar jekk se mai jasal biex jingabar mill-partijiet mertu tal-kawza.

Ghaldaqstant l- Perit Schembri kien tal-opinjoni illi kull sehem fid-divizzjoni jinghata wiehed minn erba ta' dan il-capitalization value u galadarba l-kumpens fil-forma jew ohra tieghu jingabar minghand il-Gvern dan jinqasam b'mod ekwu bejn l-istess ismha.

*Dwar* ***Propjeta XI – Raba maghruf bhala « Ta' Beccun » limiti tas-Siggiewi***

Peress illi l-partijiet qablu ma dak elenkat fuq Dok LA 1 u cioe illi l-eredi jdahhlu qbiela ta' Lm 2.00 fis-sena minghand terzi persuni u li l-eredi **ghandhom biss nofs indiviz ta' din il-**

**propjeta** jsegwi ghaldaqstant illi l-valur ta' l-istess propjeta ghandu jigi aggustat ghal elf Ewro € 1,000.00

*Dwar il-porzjonijiet li fiha ghandha tinqasam il-propjeta mertu tal-kawza*

Jirrizulta illi l-propjeta in kwistjoni ghandha tinqasam b'mod ugwali f'erba' (4) porzjonijiet u cioe l-eredi ta' Giovanni Bonello, l-eredi ta' Ignazio Bonello, l-eredi ta' Giuzeppe Bonello u l-eredi ta' Scicluna.

*Dwar il-propjeta in divizjoni*

Dwar il-qabar numru tlieta (3) gewwa c-Cimiterju tas-Siggiewi, jidher illi ma hemmx kontestazzjoni li dan jibqa indiviz bejn il-partijiet.

Id-dhul annwali ta' cens fl-ammont ta' Lm 3.97 li jhallas il-Lands Department fuq ir-raba maghruf bhala « Tal-Providenza » limiti tas-Siggiewi hekk kif elenkat fir-relazzjoni precedenti ta' l-Perit Schembri **gie kkapitallizzat** fis-somma ta' **€185.00**.

**Il-kumpens** tal-fond **24, Qajjed Lane, Siggiewi** hekk kif elenkat supra gie stmat fis-somma ta' **€ 2,282.81**

Dwar l-propjetajjiet l-ohra in divizzjoni l-Perit ghamel referenza ghar-relazzjoni precendenti tieghu, u ghas-sentenza tal-Qorti kif diversament preseduta tas-26 ta' Ottubru 2011 u ta l-istima segwenti tal-proprjeta mizmuma in komuni:

| | ***PROPJETA*** | ***VALUR €*** |
|---|---|---|
| I | **Il-fond numru mija u tlieta (103), gewwa Triq il-Kbira, Siggiewi** | 11,000.00 |
| II | **Gardina bin-numru mija disgha u tletin (139) gewwa Triq il-Kbira, Siggiewi** | 6,500.00 |

| | | |
|---|---|---|
| III | **Raba maghrufa bhala "Ta' San Nikola", Hax-Xluq limiti tas-Siggiewi ta' kejl ta' cirka (5800 m.k.)** | 7,250.00 |
| IV | **Raba maghrufa bhala "Ta' Manduca", limiti tas-Siggiewi ta' kejl ta' cirka (15,000 m.k.)** | 18,000.00 |
| V | **Raba maghrufa bhala "Tal-Providenza", limiti tas-Siggiewi ta' kejl ta' cirka (4,200 m.k.)** | 5,000.00 |
| VI | **Raba maghrufa bhala "Ta' San Niklaw/ Tal-Providenza", limiti tas-Siggiewi ta' kejl ta' cirka (1,700 m.k.)** | 2,500.00 |
| VII | **Raba maghrufa bhala "Ta' Bugima", limiti tas-Siggiewi ta' kejl ta' cirka (2,000 m.k.)** | 2,500.00 |
| VIII | **Raba maghrufa bhala "Ta' Manduca", limiti tas-Siggiewi ta' kejl ta'cirka (3100 m.k.)** | 6,000.00 |
| IX | **Raba maghrufa bhala "Ta' Bella", limiti tas-Siggiewi ta' kejl ta' cirka (2,700 m.k.)** | 3,000.00 |
| X | **Raba maghrufa bhala "Ta' Bugima", limiti tas-Siggiewi ta' kejl ta' cirka (1,800 m.k.)** | 2,000.00 |
| XI | **Raba maghrufa bhala "Ta' Beccun", limiti tas-Siggiewi ta' kejl ta' cirka (1,860 m.k.)** | 1,000.00 |

XII **Raba maghrufa bhala "Ta' Bur ix-Xewk",** 3,500.00
**limiti tas-Siggiewi ta' kejl ta' cirka (2172 m.k.)**

Ghaldaqstant illi l-**valur totali** in divizjoni huwa ta' **€ 70,717.81** u ergo **kull sehem** irid ikollhu valur ta' cirka **€ 17,679.45**.

**PJAN TA' QASMA**

***Eredita Giovanni Bonello***

- Kwart indiviz tal-qabar 3 gewwa Cimiterju tas-Siggiewi
- Kwart mill-kumpens jekk u meta jingabar tal-capitalization tal-fond 24 Qajjed Lane, Siggiewi ghall-valur ta' cirka € 570.70
- Propjeta IV ghall-valur ta' € 18,000.00
- **Din l-eredita ghandha tohrog €891.25 bhala somma ta' ekwiparazzjoni li ghandha tinghata lill-eredita' ta' Giuseppe Bonello.**

***Eredita Ignazio Bonello***

- Kwart indiviz tal-qabar 3 gewwa Cimiterju tas-Siggiewi
- Kwart mill-kumpens jekk u meta jingabar tal-capitalization tal-fond 24 Qajjed Lane, Siggiewi ghall-valur ta' cirka € 570.70
- Propjeta VI ghall-valur ta' € 2,500.00
- Propjeta VII ghall-valur ta' € 2,500.00
- Propjeta V ghall-valur ta' € 5,000.00
- Propjeta IX ghall-valur ta' € 3,000.00
- 3551 m.k. minn Propjeta III ghall-valur ta' € 4,440.00
- **Din l-eredita ghandha tohrog €331.25 bhala somma ta' ekwiparazzjoni li ghandha tinghata lill-eredita' ta' Giuseppe Bonello**

***Eredita Giuseppe Bonello***

- Kwart indiviz tal-qabar 3 gewwa Cimiterju tas-Siggiewi

- Kwart mill-kumpens jekk u meta jingabar tal-capitalization tal-fond 24 Qajjed Lane, Siggiewi ghall-valur ta' cirka € 570.70
- Propjeta I ghall-valur ta' € 11,000.00
- Propjeta X ghall-valur ta' € 2,000.00
- Propjeta XI ghall-valur ta' € 1,000.00
- 1,124.5 m.k. minn Propjeta III ghall-valur ta' € 1,405.00
- cens fl-ammont ta' Lm 3.97 li jhallas il-Lands Department fuq ir-raba maghruf bhala « Tal-Providenza » limiti tas-Siggiewi kkapitallizzat fis-somma ta' € 185.00.
- **Din l-eredita ghandha tircevi €1,518.75 bhala somma ta' ekwiparazzjoni**

***Eredita Scicluna***

- Kwart indiviz tal-qabar 3 gewwa Cimiterju tas-Siggiewi
- Kwart mill-kumpens jekk u meta jingabar tal-capitalization tal-fond 24 Qajjed Lane, Siggiewi ghall-valur ta' cirka € 570.70
- Propjeta II ghall-valur ta' € 6,500.00
- Propjeta VIII ghall-valur ta' € 6,000.00
- Propjeta XII ghall-valur ta' € 3,500.00
- 1124.5 m.k. minn Propjeta III ghall-valur ta' € 1,405.00
- **Din l-eredita ghandha tohrog €296.25 bhala somma ta' ekwiparazzjoni li ghandha tinghata lill-eredita' ta' Giuseppe Bonello**

Minn nota ta' kritika prezentati mill-avukati difensuri tal-atturi lmentaw li l-eredita' assenjata lil Scicluna u cioe' proprjetajiet VII u XII valur ta' €9,500 tinsab ghand terzi mqabbla b'€16 fis-sena, waqt illi l-pjan ta' qasma akkorda porzjonijiet ferm izghar fejn si tratta ta' raba' imqabbla lil terzi fl-eredita' ta' Guiseppe Bonello, waqt li, fl-eredita' ta' Giovanni Bonello, ebda proprjeta' imqabbla lil terzi ma giet assenjata lilu ; li l-valuri tal-proprjeta' VIII u IV ma jirriflettux il-valur tal-kejl tal-proprjetajiet; li l-atturi xtaqu li kull eredita' terfa l-piz ta' raba' imqabbla lil terzi u li l-istimi tal-proprjetajiet rispettiva maghmula mill-Perit Anton Zammit kienu jiriflettu ahjar il-valur attwali tal-istess proprjeta'.

Minn naha l-ohra fin-nota ta' kritika tal-intimati, l-istess intimati allegaw illi l-fond 103, Triq il-Kbira Siggiewi moghtija il-valur ta' €11,000 mill-Perit Schembri hija fil-fatt vakanti u

ghaldaqstant ghandha tinghata il-valur ta' €105,000. Di piu' l-gardina 139 Triq il-Kbira li inghatat il-valur ta' €6,500 (bhala soggetta ghal-qbiela) hija fond fabrikabbli u ghandha tinghata valur ta' €185,000 bhala proprjeta' franka, waqt li l-proprjeta' XI kienet tappartieni kompletament lill-eredita' u mhux biss ghal nofs indiviz.

**Ikkonsidrat :**

Illi skond l-insenjament tas-sentenza fl-ismijiet **Ellul vs Coleiro** deciza fis-6 ta' April 1959 il-Qorti ta' l-Appell irriteniet:

> ***"…huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghha l-aktar ricenti illi, biex jitlob il-likwidazzjoni ta' wirt li hija preordinata ghad-divizjoni, huwa mehtieg li l-attur ikun werriet jew ghall-anqas legittimarju,."***

Fil-kawza **Grech Carmelo vs Dr. Tonio Azzopardi** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fit-**28 ta' Jannar 2005** intqal:

> ***"Illi l-kwistjoni tal-bejgh b'licitazzjoni, meta wiehed missidien tal-fond ma jridx jibqa' aktar bi shab ma ohrajn, hija regolata bl-Artikoli 515 sa 523 tal-Kodici Civili. Illi skond l- Artikolu 518 (1), meta l-komproprjetarji kollha jaqblu dwar bejgh b'licitazzjoni, ma hija mehtiega l-ebda formalita, u tista' ssir bil-mezz li l-komproprjetarji jiftehmu. Izda, meta ma jkunx hemm qbil bejn il-komproprjetarji kollha, l-ghazla ta' liema procedura ghandha tigi esegwita hija mhollija f'idejn il-Qorti. Huwa stipulat ukoll fl-Artikolu 516 li:***
>
> ***"Meta hemm lok ghal licitazzjoni, din tista' tigi mitluba minn kull wiehed mill-komproprjetarji, ikun kemm ikun sehmu fil-haga".***

Vide ukoll **Grech v G. Zammit** - Appell Civili deciza fil-**15 ta' Lulju 1969**, **Giovanni Bugeja v Prof. Don P. P. Saydon** deciza fil-**25 ta' Frar 1946**, Vol 32 p.l p.368, u -

**Kurunell Stephen Borg** ***noe*** **v AIC Gustavo Romeo Vincenti** - Appell Civili deciz fid-**29 ta' Marzu 1957**

Illi t-talba sabiex fond mizmum minn ghadd ta' sidien jinbiegh b'licitazzjoni, trid tigi ezaminata skond il-principji elenkati fil-ligi li jirregolaw il-qasma tal-beni in komun.
F'dan il-kuntest, ta' min isemmi l-Artikolu 502 tal-Kap 16 li jtenni li:

> ***"Kull wiehed mill-komproprjetarji ghandu jedd jiehu ssehem tieghu tal-beni in natura".***

kemm –il darba dan jista' jsir "bla xkiel u minghajr hsara" skond l-Artikolu 501 (2) tal- Kap 16. principju iehor li jemergi mill-Artikolu 496 tal-Kodici Civili huwa s-segwenti:

> ***"Hadd ma jista' jkun imgieghel jibqa' fil-komunjoni, kull wiehed mill-komproprjetarji jista' dejjem, ghad li jkun hemm ftehim xort' ohra, jitlob il-qasma, kemm-il darba ma jkunx hemm b'testment li din il-qasma m'ghandhiex issir….."***

Jinghad ukoll li l-licitazzjoni hija l-eccezzjoni ghar-regola u tikkwalifika bhala rimedju straordinarju. Vide **Rita Grech** ***et*** **vs Giuseppe Zammit** ***et*** deciza mill-Appell Civili fil-**15 ta' Lulju 1969**.

Il-bejgh b'licitazzjoni ssir meta l-beni komuni **ma jistghux jigu divizi** komodament u bla diskapitu u minghajr ekwiparazzjonijiet esagerati u sproporzjonati.

Vide **Giuseppe Zammit vs Ludgarda Grech** deciza mill-Prim'Awla fit-**8 ta' Marzu, 1983**; **Speranza Vella vs Antonio Sciberras** ***noe*** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fis-**6 ta' Marzu 1948**; **Herbert Conti vs George Tonna** deciza mill-Prim'Awla fl-**24 ta' Marzu, 1983**.

**Ikkonsidrat:**

Wara li l-Qorti rat u ezaminat ix-xhieda prodotta u lpjan ta' qasma, mfassla mill-perit Tekniku, ezaminat il-lanjanzi tal-partijiet. Fil-kaz in ezami jirrizulta b'mod car illi ma ngabu ebda provi li jindikaw illi l-fond 103, Triq il-Kbira Siggiewi moghtija il-valur ta' €11,000 mill-Perit Schembri huwa, **bhala stat ta' fatt**, proprjeta vakanti. Bl-istess manjiera, ebda prova ma ngabet li tissostanza l-fatt illi l-gardina 139 Triq il-Kbira li inghatat il-valur ta' €6,500 (bhala soggetta ghal-qbiela) fil-fatt hija fond vakanti. Lanqas ma ngabet xrara ta' prova dwar l-proprjeta' XI u li din tappartieni kompletament lill-eredita' minflok ghal nofs indiviz kostatat fir-rapport tal-Perit Valerio Schembri, ghajr ghad-dokument IA a fol. 188 u Dok. IB a fol. 190 li kkapitalizzat il-proprjeta' f'ammont ta' Lm 980, ghal-kumpens tal-istess proprjeta' sproprijata mill-Gvern cioe' ekwivalenti ghal €2,282.81 – Vide paragrafu 03 tat-tieni relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri.

Illi fin-nuqqas ta' tali prova, din il-Qorti ma taghrax li ghandha raguni 'l ghaliex ghandha tvarja il-qasma mhejjija mill-Perit Schembri.

Minn naha l-ohra ghal dak li jirrizgwarda il-lanjanzi tal-atturi, waqt li din il-Qorti tifhem illi l-atturi isibuha difficli biex jaccettaw il-valur ta' raba' mqabbla lill-intimati, u l-konsegwenti zbilanc, (f'ghajnehom) tal-qasma tal-Perit Schembri, ma tistghax ma taccennax li hija marbuta bis-sentenza tal-Qorti diversament preseduta.

Illi in oltre wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa l-istima tal-proprjetajiet kif ukoll il-pjan tal-qasma tal-Perit, l-Qorti taghraf illi, fir-realta', l-qasma hija wahda gusta.

Din il-Qorti taghraf ukoll illi ma hijiex perswaza illi l-kontendenti kienu ser jaslu ghal pjan ta' divizjoni, anka fl-ahjar ipotezi li l-atturi kienu lesti li jirikonoxxu id-dritt ta' qbiela fuq ir-raba' tal-intimati.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel zewg talbiet tal-atturi u tichad it-tielet u r-raba talba taghhom in vista tal-fatt li l-proprjeta' hija komodament divizibbli, tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati Bonello, takkolji l-pjan ta' divizjoni kif imhejjija mill-Perit Valerio Schembri u cioe' :

***Eredita Giovanni Bonello***

- Kwart indiviz tal-qabar 3 gewwa Cimiterju tas-Siggiewi
- Kwart mill-kumpens jekk u meta jingabar tal-capitalization tal-fond 24 Qajjed Lane, Siggiewi ghall-valur ta' cirka € 570.70
- Propjeta IV ghall-valur ta' € 18,000.00

- **Din l-eredita ghandha tohrog €891.25 bhala somma ta' ekwiparazzjoni li ghandha tinghata lill-eredita' ta' Giuseppe Bonello.**

***Eredita Ignazio Bonello***

- Kwart indiviz tal-qabar 3 gewwa Cimiterju tas-Siggiewi
- Kwart mill-kumpens jekk u meta jingabar tal-capitalization tal-fond 24 Qajjed Lane, Siggiewi ghall-valur ta' cirka € 570.70
- Propjeta VI ghall-valur ta' € 2,500.00
- Propjeta VII ghall-valur ta' € 2,500.00
- Propjeta V ghall-valur ta' € 5,000.00
- Propjeta IX ghall-valur ta' € 3,000.00
- 3551 m.k. minn Propjeta III ghall-valur ta' € 4,440.00

- **Din l-eredita ghandha tohrog €331.25 bhala somma ta' ekwiparazzjoni li ghandha tinghata lill-eredita' ta' Giuseppe Bonello**

***Eredita Giuseppe Bonello***

- Kwart indiviz tal-qabar 3 gewwa Cimiterju tas-Siggiewi
- Kwart mill-kumpens jekk u meta jingabar tal-capitalization tal-fond 24 Qajjed Lane, Siggiewi ghall-valur ta' cirka € 570.70
- Propjeta I ghall-valur ta' € 11,000.00
- Propjeta X ghall-valur ta' € 2,000.00
- Propjeta XI ghall-valur ta' € 1,000.00
- 1,124.5 m.k. minn Propjeta III ghall-valur ta' € 1,405.00
- cens fl-ammont ta' Lm 3.97 li jhallas il-Lands Department fuq ir-raba maghruf bhala « Tal-Providenza » limiti tas-Siggiewi kkapitallizzat fis-somma ta' € 185.00.

- **Din l-eredita ghandha tircevi €1,518.75 bhala somma ta' ekwiparazzjoni**

***Eredita Scicluna***

- Kwart indiviz tal-qabar 3 gewwa Cimiterju tas-Siggiewi
- Kwart mill-kumpens jekk u meta jingabar tal-capitalization tal-fond 24 Qajjed Lane, Siggiewi ghall-valur ta' cirka € 570.70
- Propjeta II ghall-valur ta' € 6,500.00
- Propjeta VIII ghall-valur ta' € 6,000.00
- Propjeta XII ghall-valur ta' € 3,500.00
- 1124.5 m.k. minn Propjeta III ghall-valur ta' € 1,405.00

- **Din l-eredita ghandha tohrog €296.25 bhala somma ta' ekwiparazzjoni li ghandha tinghata lill-eredita' ta' Giuseppe Bonello**

Il-Qorti tara li jkun gust u ekwu li l-ispejjez tal-kawza jigu divizi ugwalment bejn il-kontendenti u cioe' nofs ghall-atturi u nofs a karigu tal-konvenuti.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------